Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**Seduta numru 45 tas-7 Leġislatura**

**L-Erbgħa 7 ta' Lulju 2016**

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 45 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 7 ta' Lulju 2016, fuq din l-aġenda:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Kommunikazzjonijiet mis-Sindku*
4. *Update tal-Laqgħa mad-Direttur (Gvern Lokali)*
5. *Update tal-Laqgħa mal-Perit tal-Kunsill*
6. *Risposta għall-Management Letter wara l-Awditjar tas-Sena 2015*
7. *Skeda tal-Pagamenti*
8. *Affarijiet Mixxellanji*

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella u il-Kunsilliera Clayton Gauci, Mario Sammut u Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Is-sede ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ huwa preżentement vakanti.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella u bdiet fil-5:42pm.

## 1 Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**Punti mill-Minuti**

dwar punt 5.1 Clayton Gauci staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar is-sitwazzjoni tal-gabbani tal-festa. Is-sindku wieġeb li fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat tal-Festa din il-kwistjoni reġgħet inqalgħet imma ġiem maqbul li din is-sena kollox jibqa' bħas-snin ta' qabel.

Elizabeth Ebejer semmiet il-proposta li jsiru girlandi ma' l-istatwi tal-Madonna fl-Imġarr għaż-żmien tal-festa.

Ġie deċiż ukoll li dak in-nhar li ser issir l-ikla f' Wesgħat il-Ġublew, jiġu mistiedna il-korp tal-klieb tal-Pulizija kif ukoll id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili biex jagħtu dimostrazzjonijiet.

## 2. Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar.

2.3 Ġiet diskuss ilment dwar ir-roundabout f' Ta' Mrejnu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li dan għandu jibqa'.

2.4 Wara li l-Kunsill irċieva talba li ikun hemm triq fl-inħawi tal-Ħaddedin li tissemma' għall-palazz ta' Strickland, il-Kunsill iddiskuta u b' mod unanimu qabel li din it-triq tissemma : Triq il-Palazz ta' Strickland. Il-Kunsill approva wkoll li jingħataw żewġ ismijiet ta' toroq oħra li s' issa għadhom bla isem, jiġifieri Triq Ċensu Vella u Trejqet id-Deru`. Dawn ser jintbgħatu għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq.

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa ta' koordinament bejn l-istakeholders tal-festa nhar is-Sibt 2 ta' Lulju.

3.2 Is-sindku semma diversi ilmenti li l-Kunsill qed jirċievi dwar il-lattrini pubbliċi tal-Ġnejna. Is-sindku informa li sejjaħ laqgħa mall-kuntrattur u talab li jibda jkun hemm 'attendant' kuljum waqt il-ħin li il-bajja tkun l-aktar frekwentata għall-matul ix-xhur tas-sajf. Ser jiġu installati mobile toilets peress li il-bajja qed tiġbed dejjem aktar nies, kif ukoll hemm il-ħsieb li jsiru mobile-showers.

**4. Update tal-Laqgħa mad-Direttur (Gvern Lokali)**

4.1 Fit-28 ta' Ġunju 2016 saret laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali, is-Sur Adrian Mifsud. Għaliha attendew is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Din il-laqgħa saret fl-uffiċċji tad-Dipartiment fil-Belt. Ġew diskussi il-fondi allokati għall-Kunsill taħt l-iskema tal-PPP tar-resurfacing tat-toroq u li s' issa għadhom ma ġewx mgħoddija lill-Kunsill. Ġie diskuss ukoll id-diffikultajiet li l-Kunsill qed isib biex jirċievi il-fondi tal-Co-Financing dwar il-proġett tal-Europe for Citizens li wassal għall-Ġemellaġġ ma' Lagosanto.

4.2 Id-Direttur informa li kien ser jiddiskuti mal-uffiċċjali tad-Dipartiment kif ukoll mal-entitajiet konċernati u kien ser jinforma lill-Kunsill meta jkollu ir-risposti mitluba.

**5. Update Laqgħa mal-Perit**

5.1 Is-Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li kellu mal-Perit Etienne Magri dwar id-diversi proġetti li kienu pendenti. L-aktar urġenti kienu dawk ta' Triq il-Kbira kif ukoll iċ-ċaqliq tal-blokki tal-konkos fil-Ġnejna.

5.2 Il-Perit intalab jagħmel stima tal-proġett ta' modifikazzjoni ta' Ġnien Skorba, kif ukoll biex jingħata spinta lill-proġett tal-mixtla f' Tal-Faċċol.

5.3 Barra minn dan, il-Perit ser ikellem lill-Awtorita' tal-Ippjanar u lill-ERA dwar il-grawnd tat-turf biswit il-bandli ta' Wesgħet il-Ġublew.

5.4 Il-Perit informa li kienet ser issir visita fuq il-post mill-uffiċċjali tal-ERA dwar il-proġett tal-Ġnejna u ta' Triq il-Kbira.

**6. Risposta għall-Management Letter wara l-Awditjar tas-Sena 2015**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-risposta tal-Management Letter tal-Awdituri wara l-awditjar tas-sena finanzjarja 2015. Din ir-risposta ġiet diskussa u wara approvata mill-membri tal-Kunsill.

**7. Skeda tal-Pagamenti**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti tal-Kunsill mill-aħħar Seduta sal-lum għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva dawn il-pagamenti hekk kif jidhru fl-iskema.

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


**8. Affarijiet Mixxellanji**

8.1 Eman Vella ippropona li il-Kunsill jistudja dwar il-proġett tal-ġbir ta' skart organiku peress li kien hemm diversi ilmenti li dan qed joħloq inkonvenjent lir-residenti. semma li l-boroz imqassmin kienu żgħar u li jinqasmu malajr kif ukoll li minn ikollu ħrieqi qed ikollu inkonvenjenzi ta' rwejjaħ. Clayton Gauci semma li il-ġbir tal-iskart organiku ta' darbtejn fil-ġimgħa huwa ftit wisq. Is-Sindku semma li l-boroz il-ġodda li tqassmu riċentement kienu aħjar u aktar b' saħħithom.

8.2 Elizabeth Ebejer semmiet li kien hemm inkonvenjent fuq il-bankina ta' quddiem il-United (wara l-Knisja) peress li tpoġġew 2 pjanti kbar u dan ostakola il-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva ilmenti dwar dan u li kien ser jikteb ittra lis-sidien tal-ħanut biex jaraw li il-bankina ma tiġix ostakolata bl -ebda' mod.

8.3 Elizabeth Ebejer semeiet li kien qed ikun hemm min jabbuża u jikser id-direttivi waqt barbeques fil-Ġnejna. Is-Sindku informa li dawn it-tip ta' kontravenzjonijiet jiġu rrappurtati lill-pulizja. Semma' wkoll li kien mgħarraf li il-pulizija qed jinzlu jagħmlu ir-rondi fil-Ġnejna.

8.4 Mario Sammut semma' li kien qed ikun hemm abbużi fuq il-Bring-In Site ta' Triq Ganfra. Is-Sindku informa li kien ser isejjaħ laqgħa mal-uffiċċjali tal-LESA dwar dan.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:09pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 2 ta' Awwissu 2016 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| *Cyprian Dalli* | *Paul Vella* |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |